# Pape Satan Aleppe

*Kummiedja b'Att Wieħed ta'* ALBERT M. CASSOLA

*(Jorbot mal-Għadd ta' Ġunju, 1949)*

SANTINU : Issa nerġgħu għall-kas li qed inkellmek fuqu. Għaliex ir-regula hija li l-ħbiberija żejda tispiċċa biex tittradik, dak l-injorant ta' demonju sieħbek, illi innoċentissimu, pinġieni bħala t-traditur tiegħu fil-waqt illi l-ħtija hija kollha u unikament tiegħu għaliex ħaseb ħażin, emmen lill-egħdewwa li kienu jippużawlu ta' ħbieb u xeħet lili, ħabib ġenwin u fidil, ma' l-egħdewwa numerużi tiegħu. Anzi għalih —u ngħid "għalih" għax min-naħa tiegħi jien dejjem bqajtlu fidil—għalih jien sirt l-ikbar fost l-egħdewwa li għandu. Żbalji ta' ġudizzju, jew, aħjar, ta' preġudizzju. Dnub tal-għira, tal-ġelosija u ta' l-invidja. Dnub mejjet li mħabba fih huwa l-lum jinsab imxierek fis-setta tiegħek.

LUĊIFRU : Hawwadtli rasi u ma fhimt xejn.

SANTINU : Santa, santa injoranza! U jien li kont naħseb li ħaġa hekk qaddisa bħall-injoranza, jekk issibha kullimkien, żgur li ma kontx tista' tiltaqa' magħha ġo l-infern! Imbagħad minnek ma kont nistennieha qatt! Inti, Luċifru, li tagħti d-dawl; inti Satana l-kap u prinċep ta' tant demonji; inti li twaqqa' tant nies u tegħleb tant erwieħ bil-ħażen tiegħek, inti li —imma kif, possibbli li int injorant daqshekk?

LUĊIFRU : Dana insult lill-prinċep Satana!

SANTINU : Mela kemm tassew huma injoranti u debboli n-nies li jħalluk tegħlibhom!

LUĊIFRU : Inti qiegħed tkabbar l-insulti tiegħek billi tinġurja d-dekor tal-kap ta' l-infern u prinċep ta' miljuni kbar ta' sudditi!

SANTINU : Hallik mill-kliem żejjed. It-titoli ta' prinċep u re u kap ma jgħoddu xejn għal miegħi. Ftakar li ħdejja u għalija int m'int xejn.

LUĊIFRU : Allura int ħlift li tumiljani!

SANTINU : Din hi l-kundanna tas-suppervi.

LUĊIFRU : Il-kundanna!

SANTINU : Ara, nagħmlu hekk. Jien irrid inkun naf jekk dak id-demonju huwiex iktar supperv milli invidjuż jew viċeversa.

LUĊIFRU : Supperv żgur. Invidjuż forsi.

SANTINU : Forsi xejn. Dak għandu martu vittma tal-ġelosija tiegħu. Kemm rat minħabba fil-ġelosija tiegħu dik il-povra martu! Biżżejjed ingħidlek illi kieku lilu ma ħelsux mid-dinja (jew, aħjar, kieku ma ħelsux lid-dinja minnu)—kieku ma ħelsux mid-dinja dak ix-char-a-banc tal-B.M.C. kieku kien jeqridha qablu lil martu. Kien għoddu qatilha bil-għali.

LUĊIFRU : Imma int, nagħmilha ta' l-injorant tassew, proprjament xi trid tagħmel? Għalfejn inżilt hawn? Għadni ma qbadtx biex int ġej.

SANTINU : Ismagħni tajjeb. Dak ix-xitan li għandek miegħek ġie, kif taf inti, ikkundannat għal-*lavuri forzati* fl-infern.

LUĊIFRU : Sewwa.

SANTINU : Dik il-kundanna ngħatatlu mħabba ġelosija ċċaqċaq, fost ħwejjeġ oħra : huwa kien igħir għal martu għax kien jaħsibha mhix mara sewwa.

LUĊIFRU : Dana nafu. U mbagħad fettel f'rasu li inti kont qiegħed tingannah ukoll.

SANTINU : Ftehimna. Issa mħabba f'din il-ġelosija inġustifikata tiegħu huwa ippersegwita ħafna lili u lil martu; baqa' ma kienx soddisfatt b'hekk, imma ried jara lili xitan bħalu. Għalhekk fl-aħħar siegħa tiegħi fuq l-art huwa qagħad idurli mas-sodda qisu mekkuk; jien kont mixħut bid-deni u huwa qagħad isefsifli f'widnejja biex itellifni dak li ma rnexxilux jirbaħ hu.

LUĊIFRU : Obda l-ordnijiet tiegħi.

SANTINU : U obdiehom bil-qalb! imma—fjask. Baqa' f'wiċċu. Anzi, baqa' f'wiċċkom it-tnejn.

LUĊIFRU : Però huwa qalli li rebaħ hu.

SANTINU : Infurmak ħażin, kif qiegħed tara b'għajnejk. Tant irsista li ma basarx li mhux sa jegħlibni, u baqa' bl-impressjoni li għamel suċċess. Is-suċċess, bil-maqlub, għamiltu jien bil-għajnuna qawwija tal-

kustodju tiegħi. Imma ħallina minn dana. Jien issa ġejt hawn biex lil dax-xitan, ex-ħabib tal-qalb u ex-għadu bla qalb, nurih kemm kien veru mogħmi mill-passjoni mhux ta' l-invidja (għaliex dik ma jista' jiċħadha bl-ebda mod), imma tas-suppervja. U rrid niżgura ruħi jekk huwa hux iżjed supperv milli ġeluż jew viċeversa.

LUĊIFRU : Ara ma jfettillekx toħoduli minn hawn...

SANTINU : U lanqas irrid, għax allura tkun inġustizzja.

LUĊIFRU : Mela hekk.

SANTINU : Sejjaħ issa lil xi xitana, xi demonju mara milli għandek hawn.

LUĊFRU : Għalfejn?...

SANTINU : Agħżilha twila u rqiqa u żagħżugħa bħalma hi mart dak ix-xitan. Agħtiha tilbes dil-libsa li ġibt miegħi ta' mart dak id-demonju, imbagħad sejħilha hawn ġew u ħalliha waħedha miegħi.

LUĊIFRU : Jaqaw x'ġej? Xitana ma' anġlu?...

SANTINU : Isma' minni : agħti l-libsa lil xitana kif iddeskrivejtlek.

LUĊIFRU : Telephone operator għandi tfajla kif iddeskrivejt int. Halli mmur ingħidilha bil-biċċa. Fejn hija l-libsa?

SANTINU : Il-libsa qiegħda hawn ġew (*jagħtih il-bagalja*). Hudhielha, għidilha tilbisha u int arġa' ejja.

LUĊIFRU : Jien noqgħod magħha sakemm tilbes...

SANTINU : Imma tfixkilhiex. Hallieha tilbes waħedha; forsi tkun trid tinża'...

LUĊIFRU : Bejnietna ma fiha xejn; hawn ġew kollox sewwa.

SANTINU : Għax hawn bilħaqq l-infern!... Itlaq.

LUĊIFRU : (*huwa u sejjer*) Tiftaħlix twieqi, fhimt? (*joħroġ*).

SANTINU : (*iferfer ġwinħajh qisu sa jtir u jibda jdur 'il hawn u 'l hemm; jilmaħ it-telefon, jaqbad ir-receiver u jkun sa jċempel, iżda fil-pront jarġa' jidħol LUĊIFRU*) Ċentrali?

LUĊIFRU : X'sa tagħmel hemm? Tiħux kunfidenza żejda... Jew ħsibtu tiegħek hawn?

SANTINU : Organizzati aħjar mid-dinja hawn.

XITANA : (*twila u rqiqa, liebsa bil-libsa li jkun taha SAN-*

*TINU, jiġifieri l-libsa ta' mart DEMONJU*) X'sa nagħmel, Satana? Jien lesta.

SANTINU : Brava! Tajjeb wisq Kif ridtha jien eżatt. Xejn: issa Luċifru joqgħod fuq it-tron biex jara x-xena. (*lil XITANA*) Issa inti għannaqni bil-qalb u jien nagħmilha li sa nbusek.

XITANA : Min jaf xi ħlewwa l-bews ta' l-anġli! Busni tassew, anġolinu.

SANTINU : (*lil LUĊIFRU*) Waqt li nkun sa nbusha, inti sejjaħ lil dak id-demonju. Dak kollox. Kif huwa jarana nitbewsu, jiena rrid nara jekk jeħodhiex bi kbira li martu (għax hekk għandu jaħsibha minn wara lil dix-xitana twila, irqiqa u liebsa bħal martu) irrid nara jekk jeħodhiex bi kbira meta jara lil martu qiegħda tbus lil ħaddieħor, u preċiżament lili! jew jew jekk jeħodhiex b'ikbar li ġewwa l-infern daħal mhux biss anġlu imma wkoll bniedma (kif jaħsibha lil dix-xitana) tad-demm u l-laħam. Jiġifieri nara jekk huwiex iżjed ġeluż għal martu milli supperv.

XITANA : Imma dana x'gost hu?

LUĊIFRU : Dan kollu għalfejn?

SANTINU : Għalfejn ingħidlek ukoll. Għaliex b'hekk jiena nitgħallem kemm għandi nikkustodixxi tajjeb lill-bnedmin li għandhom it-tendenza għas-suppervja u għall-ġelosija. U jekk hix ikbar il-ġelosija milli s-suppervja jew is-suppervja mill-ġelosija. . Mel'issa, Satana, tista' ssejjaħ lid-demonju tiegħek u naraw kif jeħodha l-affari. (*lix-XITANA*) Għannaqni. Busni.

XITANA : (*tgħannqu u tbusu*) Hudni miegħek għal dejjem.

LUĊIFRU : (*lil XITANA*) Ara ma ngħidlekx x'tagħmel...

SANTINU : Int ġustizzjata. Minn hawn ma toħroġ qatt.

XITANA : Imma jien xbajt hawn...

SANTINU : Kellek tarah qabel. Busni. (*lil LUĊIFRU*) Sejjaħlu, Satana.

LUĊIFRU : (*imur fil-bieb isejjaħ lil DEMONJU, u jmur jitla' jiġri fuq it-tron*) Ejja 'l hawn ġew, int.

SANTINU : Busni dejjem. Busni u għannaqni.

XITANA : Xi ħlew ta' anġulettu!

DEMONJU : *Fdan il-waqt jidħol DEMONJU u jilmaħ ix-xena. Jinfixel, ma jafx hux iktar ġeluż milli supperv. Imma malajr tegħleb is-suppervja meta jara li "bniedma", kif minn għaliħ illi hi dik ix-XITANA, invadiet ir-renju infernali. Idur fuq LUĊIFRU u, skantat kif dana ippermetta din l-invażjoni, igħidlu bir-rabja :* PAPE SATAN, PAPE SATAN ALEPPE...

SIPARJU